

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/861**tat-18 ta' Frar 2016**

li jikkoreġi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 528/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji tal-opzjonijiet fl-approċċ standardizzat tar-riskju tas-suq u li jikkoreġi r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 604/2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jikkonċerna l-istandards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi xierqa biex jiġu identifikati l-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu jkollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012⁽²⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 329(3) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 352(6) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 358(4) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 329(3), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 352(6) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 358(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprovdu lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) li tiżviluppa firxa ta' metodi sabiex jirriflettu riskji oħra, minbarra r-riskju tdelta, fir-rekwiżiti tal-fondi proprji ta' istituzzjonijiet, b'mod proporzjonat mal-iskala u l-komplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fl-opzjonijiet u ċ-ċertifikati. Għaldaqstant, l-ABE żviluppat abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni approvat u adottat fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 528/2014⁽³⁾.
- (2) Il-qafas għal superviżjoni prudenzjali stabbilit mid-Direttiva 2013/36/UE jitlob li l-istituzzjonijiet kollha jidentifikaw il-membri kollha tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Skont l-Artikolu 94(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-ABE żviluppat abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni approvat u adottat fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 604/2014⁽⁴⁾.
- (3) Fir-Regolament Delegat (UE) Nru 528/2014 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 604/2014 saru xi żbalji li jridu jiġu kkorreġuti.
- (4) Skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 528/2014, approċċ simplifikat għandu jkun disponibbli biss għal dawk l-istituzzjonijiet li jixtru esklużivament opzjonijiet u ċertifikati, iżda huma m'għandhomx ikunu obbligati jużaw dan l-approċċ. Huwa, għalhekk, xieraq li tiġi kkorreġuta l-formulazzjoni tal-kliem tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 528/2014 li tobbliga lil dawk l-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ simplifikat u ma tipprevjenix lill-istituzzjonijiet l-oħra milli jużaw dan l-approċċ ukoll.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.⁽²⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 528/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji tal-opzjonijiet fl-approċċ standardizzat tar-riskju tas-suq (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 29).⁽⁴⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 604/2014 tal-4 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jikkonċerna l-istandards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi xierqa biex jiġu identifikati l-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni (ĠU L 167, 6.6.2014, p. 30).

- (5) L-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 604/2014 għandu jiġi emendat kif xieraq biex jikkwalifika kull membru tal-persunal li r-rimunerazzjoni totali tiegħu tpoġġih fl-istess livell bħal tal-manigġers superjuri u dawk li jieħdu r-riskju bħala “dawk li jieħdu r-riskju materjali”, jiġifieri, dawk li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomessi mill-ABE lill-Kummissjoni.
- (7) L-ABE wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz oriġinali tal-istandards tekniċi regolatorji li jikkoreġi dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (8) Sabiex jiġi żgurat li l-istandards tekniċi regolatorji jistgħu jiġu applikati b'mod korrett kemm jista' jkun malajr, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Korrezzjoni tar-Regolament Delegat (UE) Nru 528/2014

L-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 528/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Huma biss l-istituzzjonijiet li jixtru esklużivament opzjonijiet u ċertifikati li jistgħu jużaw l-approċċ simplifikat.”

Artikolu 2

Korrezzjoni tar-Regolament Delegat (UE) Nru 604/2014

Fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 604/2014, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

“(c) il-membri tal-persunal kien fis-sena finanzjarja preċedenti mogħti rimunerazzjoni totali li hija ugwali għal, jew ikbar mill-inqas rimunerazzjoni totali mogħtija f'dik is-sena finanzjarja lil membru tal-manigġment superjuri jew lil membru tal-persunal li jissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji fil-punti (1), (5), (6), (8), (11), (12), (13) jew (14) tal-Artikolu 3.”

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
